



EESC Info

European Economic and Social Committee

A bridge between Europe and organised civil society
April 2021 | MT

Available Languages:

ES	BG	CS	DA	EN	DE	ET	FR	EL	GA	HR	IT	LV	LT	HU	MT
NL	PL	PT	FI	RO	SK	SL	SV								

EDITORJAL



Editorjal

Wasal il-waqt tagħna!

Għeżież qarreja,

Jum l-Ewropa ta' din is-sena, nhar id-9 ta' Mejju, se jimmarka wkoll it-tnedija tal-Konferenza tant mistennija dwar il-Futur tal-Ewropa. Din hija opportunità unika, mhux biss biex ikun hemm dibattitu wiesa' dwar kif l-Unjoni Ewropea għandha tevolvi, iżda wkoll biex il-proġett Ewropew jingħata lura liċ-ċittadini tagħha, fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali. Inhegġgikom taħtfu din l-opportunità.

Il-KESE, bħala r-rappreżentant tas-soċjetà ċivili organizzata Ewropea, ilu żmien twil jinsisti għar-riforma tal-Ewropa permezz ta' aktar involviment min-naħa taċ-ċittadini tagħha. Ninsab konvinta li t-tqarrib tal-“bużżieqa ta' Brussell” lejn iċ-ċittadini jista' jagħti lok għal ideat oriġinali, iżda konkreti għall-futur.

Sabiex dan il-potenzjal ikun jista' jiġi realizzat bis-sħiħ, irridu nevitaw li nippreġudikaw l-fehmiet taċ-ċittadini. Id-dibattiti fil-kuntest tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa għandhom ikunu miftuħa għal ideat innovattivi. L-ebda panel ta' diskussjoni ma għandu jassumi l-eżitu tad-dibattitu.

Il-futur tal-Ewropa jeżiġi wkoll il-ħolqien ta' narrattiva pożittiva ġdida. Jeħtieġ nuru li l-Ewropa hija post mill-aqwa li toffri l-opportunitajiet lil kulħadd, ħalli kulħadd jgħix il-ħajja li jrid, abbażi ta' valuri komuni. Iċ-ċittadini fl-Istati Uniti huma kburin

mill-ħolma Amerikana tagħhom. Nemmen li wasal iż-żmien li finalment l-Ewropej jibdedw japprezzaw u jgawdu l-istil tal-ħajja tagħhom u l-benefiċċji li dan iġib miegħu.

It-tnedija uffiċjali tal-konferenza se ssir fi Strasburgu f'format ibridu minħabba r-restrizzjonijiet tal-COVID-19. Nistgħu nantiċipaw li l-parti l-kbira tal-attivitajiet b'rabta mal-konferenza se jsiru b'dan il-mod, tal-inqas fil-bidu.

Minħabba l-pandemija, il-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa issa tinkludi komponent diġitali b'saħħtu. Paradossalment, dan jagħmilha aktar aċċessibbli għaċ-ċittadini ordinarji - speċjalment permezz tal-pjattaforma multilingwi diġitali. Inhegġgikom il-koll biex tużaw din l-għodda - jew biex tipparteċipaw f'avveniment eżistenti, biex torganizzaw d-diskussjoni tagħkom stess jew biex taqsmu l-ideat tagħkom dwar l-integrazzjoni Ewropea. Il-futur tal-Ewropa jinsab f'idejna!

Christa Schweng

Il-President tal-KESE

DATI TAD-DJARJU

7 ta' Mejju 2021, Porto

Summit Soċjali

9 ta' Mejju 2021

Jum I-Ewropa 2021 u inawgurazzjoni uffiċjali tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa

9-10 ta' Ġunju 2021, Brussell

Sessjoni Plenarja tal-KESE

“MISTOQSIJA WA?DA LIL...”



Mistoqsija lil...

Fit-taqsimha tagħna “Mistoqsija lil...”, aħna nistaqsu lill-membri tal-KESE biex iwieġbu mistoqsija topika li tidhrilna li hija partikolarment rilevanti.

Għall-edizzjoni ta' April, staqsejna lil **Pietro Francesco De Lotto**, President tal-Kummissjoni Konsultattiva dwar il-Bidliet Industrijali (CCMI) biex jaqsam il-fehmiet tiegħu dwar it-trasformazzjoni industrijali u r-regoli tal-Patt Ekoloġiku mal-qarrejja ta' KESE info.



“Ni?guraw li t-tranżizzjoni ekolo?ika u di?itali ?? id ir-re?iljenza, il-kompetittività u l-?ustizzja so?jali”

Mistoqsija tal-KESE Info: kif u sa meta tista' tinkiseb it-trasformazzjoni għal industrija aktar ekoloġika, aktar ċirkolari u aktar diġitali, biex jintlaħqu l-oġettivi tal-Patt Ekoloġiku tal-Kummissjoni Ewropea? Xi rwol għandha l-materja prima f'dan il-proċess?

Pietro Francesco De Lotto, President tas-CCMI: kull darba li nitkellmu dwar rivoluzzjoni industrijali, kemm jekk tkun ir-raba', il-ħames jew saħansitra s-sitt waħda, naraw dibattitu pubbliku. Minkejja fehmiet differenti dwar il-kwistjoni, ħaġa waħda hija ċerta, l-industrija tagħna għaddejja minn rivoluzzjoni profonda li trid tilħaq żewġ oġettivi: dik li ssir aktar ekoloġika u aktar ċirkolari u dik li tikseb it-tranżizzjoni diġitali. Din hija rivoluzzjoni li hija xprunata minn diversi fatturi: l-opinjoni pubblika, is-sensittività tal-konsumatur, it-tfittxija tal-kompetittività globali u l-ħtieġa li x-xogħol jiġi adattat għal mudelli ġodda, eċċ.

Bħalma jiġi f'kull rivoluzzjoni, l-eżitu finali se jkun bidla radikali. Fil-każ tagħna, nittamaw li dan ifisser industrija Ewropea li ttrasformat l-ekoloġizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni f'vantaggġ kompetittiv fix-xena globali. Dan huwa proċess li diġà ilu għaddej għal diversi snin, iżda hemm bżonn li l-awtoritajiet pubbliċi jimmaniġġjaw din it-trasformazzjoni b'mod xieraq biex jiżguraw li l-benefiċċji tagħha jilħqu lil kull kumpanija, kull ħaddiem u kull reġjun tal-Ewropa.

Il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli huma, b'mod ċar, pilastri ewlenin tal-azzjoni tal-UE, iżda jeħtieġ niżguraw li s-saffi kollha tas-soċjetà u tal-industrija jqisuhom bħala opportunità għall-futur, u mhux bħala piż. Il-Patt Ekoloġiku Ewropew, il-Pjan ta' Azzjoni għal Ekonomija Ċirkolari, l-Istrateġija Industrijali Ġdida għall-Ewropa (inkluż l-aġġornament tagħha li jmiss), u l-attivitajiet u l-leġiżlazzjoni kollha relatati huma għodod essenzjali biex dawn id-dibattiti jissarrfu fil-ħajja ta' kuljum fl-Ewropa kollha, mingħajr ma ħadd ma jitħalla jibqa' lura f'dan l-isforz kollettiv.

Il-materja prima, u speċjalment il-materja prima kritika, tinsab fil-qalba ta' dan il-proċess. Id-diġitalizzazzjoni u l-ekoloġizzazzjoni tal-industriji u s-soċjetà tal-UE jeħtieġu teknoloġiji, li min-naħa tagħhom jeħtieġu materja prima. Biex nagħtu eżempju: l-enerġija mir-riħ ġejja minn turbini li fihom, fost materjali oħrajn, elementi tal-art rari. L-UE tiddependi kważi 100 % fuq iċ-Ċina biex tforniha b'dawn l-elementi. L-istess xenarju jirrepeti ruħu għal ħafna teknoloġiji li huma essenzjali għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, mill-batteriji għall-pannelli fotovoltajċi, mir-robotika għaċ-ċelloli tal-fjuwil. F'dawn l-aħħar xhur, l-importanza ta' dawn il-punti kritiċi saret saħansitra aktar evidenti għall-pubbliku, peress li l-pandemija tal-COVID-19 ħarġet fid-dieher il-ħtieġa li l-industrija tal-UE u s-soċjetà b'mod ġenerali jiksbu reżiljenza u awtonomija strateġika, inkluż f'oqsma bħat-tilqim, il-mediċini u l-apparat mediku.

Il-pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Materja Prima Kritika, li dan l-aħħar kien is-suġġett ta' Opinjoni tas-CCMI/KESE, huwa strument effettiv li jgħaqqad is-soluzzjonijiet għan-nuqqasijiet attwali mat-tnejn għall-problemi futuri possibbli.

Biex inwieġeb il-mistoqsija tiegħek b'mod aktar speċifiku: irridu naraw lill-industrija tal-UE tiffjorixxi b'mod ekoloġiku u diġitali, iżda ma rridux naraw lill-industrija u lis-soċjetà tagħna jimxu minn dipendenza waħda (pereżempju fuq ċerti fjuwils fossili) lejn dipendenza sħiħa oħra fuq ċerta materja prima kritika. Biex nevitaw dan, u biex niżguraw li t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali jsaħħu r-reżiljenza, il-kompetittività u l-ġustizzja soċjali, jeħtieġ li ninvestu fir-riċerka u l-iżvilupp, l-esplorazzjoni tal-estrazzjoni domestika sostenibbli, l-irkupru ta' materjali ta' valur mill-iskart u l-ħolqien ta' kundizzjonijiet ekwi għal kulħadd. Dawn huma miżuri essenzjali biex jiġi żgurat li r-rivoluzzjonijiet ekoloġiċi u diġitali jirnexxu u jkun ta' benefiċċju għall-industrija

AQTA' MIN HI L-PERSUNA MISTIEDNA?



Il-mistieden/il-mistiedna sorpri?a

Kull xahar nipprezentawlkom mistieden/mistiedna sorpriża - personalità li tagħtina fehmietha dwar il-ġrajjet attwali: ffit arja friska biex twessalna l-orizzonti, tispirana u tiġbdilna l-attenzjoni għad-dinja tal-lum. Għal din l-edizzjoni ta' April, għandna l-pjaċir nilqgħu lil Aurélie Vauthrin-Ledent, attriċi, kittieba u direttriċi, li tgħidilna bl-appell tagħha biex tiġi salvata l-kultura, li hija essenzjali għal haġġitna.

Aurélie Vauthrin-Ledent, Franċiża, tgħix u taħdem il-Belġju. Gradwata mill-Università ta' Sorbonne (fl-arti tal-ispettaklu), mill-Konservatorju Nazzjonali tad-Drama ta' Rouen (attwalment is-CRR) u mill-Konservatorju Rjali tad-Drama ta' Brussell, hija attriċi, direttriċi, diżinjatriċi tal-palk, kantata-kompożitriċi, direttriċi artistika u programmatriċi tal-festival. Fit-teatru, hija haġġmet fi rwoli mir-repertorju klassiku u kontemporanju taħt id-direzzjoni ta' Peggy Thomas, Alexis Van Stratum, Renaud de Putter,

Jamal Youssfi, Audrey Marsin, Charlie Degotte u anke Thierry Robrechts.

Fl-2014, hija kitbet u ddiriġiet "Cerise à l'eau-de-vie" fit-Théâtre de la Vie fi Brussell.

Fl-2016, fit-Théâtre Le Public, hija kellha r-rwol prinċipali f'"L'échange" ta' Paul Claudel, taħt id-direzzjoni ta' Peggy Thomas. Matul l-istaġun tal-2016/2017, hija żviluppat, ikoordinat u mexxiet il-workshop tal-kitba "Francophonique II" fit-Théâtre des Doms f'Avignon, workshop maħluq mid-direttur Alain Cofino Gomez.

F'Jannar 2020, fit-Théâtre de la Vie, hija dderiġiet l-ispettaklu "Les Corbeaux", ta' Henry Bèque, fejn hija kellha rwol ukoll.

Mill-2016 'l hawn, hija tikteb, tikkomponi u tkanta bl-isem ta' "La Chouette et les Oiseaux de nuit".

Fl-2016, hija ħolqot il-festival multidixxiplinari Tri-Marrant fit-Théâtre de la Vie fi Brussell, u tmexxi d-direzzjoni artistika u l-programm. Dan il-festival kellu suċċess kbir u mill-2018 jsir kull sentejn. It-tielet edizzjoni tiegħu, li kellha ssir f'Ġunju 2020, ġiet posposta għal Ġunju 2022 minħabba l-COVID-19.

F'April 2020, hija ħolqot "Les Oiseaux de Nuit", kumpanija ġdida tal-pubblikazzjoni fil-Belġju għat-teatru frankofonu, li tagħha hija d-direttriċi editorjali, artistika u amministrattiva.



Aurélie Vauthrin-Ledent: Il-kultura hija, tassew, qabel kolloxx essenzjali!

Minn meta twelidt 40 sena ilu, fit-28 ta' Marzu 1981, il-kelma "essenzjali" qatt f'ħajti ma kienet assoċjata daqshekk spiss mal-kelma 'kultura' bħal f'dan il-perjodu ta' kriżi tas-saħħa u, għalhekk, ekonomika. Huwa ċar li ħafna mill-paradigmi tagħna se jinbidlu. L-isfidi tagħna huma u se jkunu profondi fl-oqasma kollha tas-soċjetà tagħna.

Din il-kelma "essenzjali" ingħatat prominenza l-ewwel nett minħabba li ġejna kklassifikati, aħna n-nies tal-kultura, bħala "mhux essenzjali". U minħabba li ġejna kklassifikati bħala "mhux essenzjali", nibet moviment, li ma jista' jwaqqfu ħadd, u li jaħdem bla heda favur sensibilizzazzjoni aktar profonda u fuq firxa usa'.

Tabilħaqq, kontra l-istennijiet kollha, insibu ruħna f'dinja tal-arti u l-kultura li, wara li ngħatat il-ġenb jew twarrbet għalkolloxx, tinsab f'pożizzjoni stramba taħt il-lenti, aktar skomda milli stramba.

Jien mara tal-kultura. Ngħix mill-kultura u noħloqha. Jien attriċi tal-kummiedja, kantanta, direttriċi, awtriċi, għalliema tat-teatru u tal-Franċiż, editriċi tat-teatru Belġjan tal-komunità Franċiża, fassalt programm ta' festival, u niżviluppa aspetti speċjali għall-arti plastika, ix-xenografija u l-arti tal-moviment u ż-żfin. U ma niddejjax inxammar il-kmiem tiegħi għal

xogħol ta' strapazz, u xi drabi naqbad "impjeggi ta' riżerva". Impjeggi li ħafna drabi jiġu sottovalutati mill-fehma kollettiva tas-soċjetajiet tagħna. Ma nibżax mix-xogħol. Ix-xogħol huwa dak li bnieni. Dan huwa l-akbar valur li l-ġenituri tiegħi għaddewli. Iżda l-kultura hija t-tielet ġenitur tiegħi. Il-kultura kienet dik li sawritni, fejn serviet bħala s-siment, u ġabet taqlib profond: evoluzzjoni, rivoluzzjonijiet interni u taqlib, il-kultura fetħitli moħħi, iżda fuq kolloxx, qalbi. L-aktar vjaġġi sbieħ ta' ħajti kienu l-minuti maġiċi ta' vjolinċell f'armonija mal-emozzjonijiet tiegħi, Shakespeare jiżfen fl-ispirtu tal-udjenza attenta, pitturi bla tmiem li jestendu sal-abbissi mifruxin ma' ħajt, jew f'mużew. U xi ngħidu dwar id-dinja meraviljuża tat-teatru, li mhijjex biss xena jew test, iżda univers multiplu u kumpless, li jvarja mill-pupazzi sal-improvizzazzjoni, mill-arti tat-taħdit sal-moviment tal-ġisem. Fit-teatru hemm dixxiplini u sottoġeneri daqs kemm hemm fil-mediċina.

Naturalment, issa ilna weqfin għal sena. It-tbatija tal-professjoni tagħna hija kbira wisq. L-ewwel nett it-tbatija morali, u mbagħad it-tbatija ekonomika minħabba l-inattività tal-impjeggi fil-qasam tal-ispettaklu, li jinsabu fi kriżi finanzjarja profonda. Il-professjonijiet tal-qasam tal-ispettaklu ftit li xejn huma magħrufa, iżda l-firxa hija wiesa'. Awturi, diretturi, atturi tal-kummiedja, ħajjata tal-kostumi, drammaturgi, tekniċi tad-dawl u tal-ħoss, ħaddiema tal-kostruzzjoni u d-dekorazzjoni tas-sett, artisti tas-sett jew palk, artisti tal-make-up, assistenti, u l-professjonijiet kollha ta' qabel u ta' wara l-produzzjoni: xandir, komunikazzjoni, promozzjoni, merħba lit-telespettaturi, prenotazzjoni, il-lista ma tispiċċax.

Jeħtieġ ukoll li titqies, u forsi din hija aktar importanti, it-tbatija tal-pubbliku, tal-individwi. Il-pubbliku, li issa huwa limitat għan-Netflix jew għall-kotba, jagħżel fil-pront il-parti tal-immagħni, l-aspett tal-kultura faċli u uniku. L-għażla tiegħu tnaqqset għal dik ta' iżolament, spiċċat il-possibbiltà ta' kondivizzjoni u spazji fil-beraħ,

m'għadx hemm mumentu ta' ħolm, vjaġġar 'il bogħod, bilqiegħda fuq il-pultruna tal-bellus aħmar.

U xi ngħidu dwar it-tbatija li ma tkunx tista' titgħallem aktar, għax il-kultura hija l-aħjar għalliem tal-ħajja!!

Fuq kollox, il-kelma "essenzjali" issa hija preġudikata u assoċjata mal-professjonijiet tal-kultura tagħna, minħabba dan l-ewwel każ ta' negattività ta' "mhux essenzjali" li ġiet attribwita b'mod inġust mill-mexxejja tagħna. Illum mhux talli ma nirribellax, iżda għandi din it-tama kbira - bħal kull tama - tama qawwija għall-futur, li b'ċertezza, iva, b'ċertezza l-miġemgħa tan-nies fil-futur se jisimgħu li ninsabu qrib tagħhom, li meta nlissnu l-kelma "kultura", inlissnu l-ewwel u qabel kollox il-kelma "essenzjali".

Għalhekk, bil-fatt li riedu jidfnuna, ġiegħluna ninbtu mill-ġdid, u qed nagħtu ħajja ġdida lill-kultura bħal qatt qabel... il-futur se jikkonferma dan, nemmen b'mod qawwi, ninsab konvinta dwar dan. Wara din il-kriżi, xejn dwar il-kultura mhu se jerġa' jiġi sottovalutat.

Aur lie Vauthrin-Ledent



[Le vieux poète parle doucement](#)

Nous avons le plaisir de vous présenter à nouveau une série de haïkus, sous le titre commun "**Le vieux poète parle doucement**", que nous a offerts leur auteur, **Herman van Rompuy**, ancien président du Conseil européen.

Herman van Rompuy: *Le vieux poète parle doucement*

Celui qui a vu le soleil

Ne s'habitue jamais vraiment au froid

Un fils du soleil

XXX

L'envie et le désir

des fleurs et des bourgeons

du sourire du printemps

XXX

Prunus blancs

Des arbres nus jaloux

Des couleurs colorent la vie



The old poet speaks gently

We are pleased to present a new selection of haikus by **Herman Van Rompuy**, former President of the European Council, as part of our series "The old poet speaks gently".

The haikus were originally written in French.

Herman van Rompuy: The old poet speaks gently.

He who has seen the sun

Never really gets used to the cold

A son of the sun

XXX

The longing and the desire

for flowers and buds

for the smile of spring

XXX

White prunus

Trees naked jealous

Colours colour life

A?BARIJET TAL-KESE



“L-Istati Membri qed ja?dmu qatig?, i?da g?ad hemm ?afna xi jsir qabel ma l-pjani nazzjonali jkunu lesti.”

F’dibattitu fis-sessjoni plenarja tal-KESE fil-25 ta’ Marzu, il-Viċi President Eżekuttiv tal-Kummissjoni Ewropea għal Ekonomija għas-Servizz tan-Nies, **Valdis Dombrovskis**, qal li l-biċċa l-kbira tal-Pjani Nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza kienu għadhom fi stadju bikri u li “għad hemm ħafna xi jsir qabel ma l-pjani jkunu maturi biżżejjed”. Huwa nnota wkoll li l-politika kummerċjali għandha rwol ewlieni x’taqdi biex l-ekonomija tal-UE terġa’ taqbad it-triq it-tajba.

Il-President tal-KESE, **Christa Schweng**, hija u tiftaħ id-dibattitu qalet li l-UE u l-Istati Membri tagħha rrispondew għall-kriżi malajr u b’mod enerġetiku, u l-KESE issa qed jistenna l-implimentazzjoni rapida u effiċjenti tan-*NextGenerationEU* u tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

Hija rreferiet ukoll għat-talba tal-KESE għal [qafas ta’ governanza ekonomika](#) li jiffaċilita l-irkupru ekonomiku, li jkun iffukat fuq il-prosperità, u jirrifletti r-realtà ekonomika attwali ta’ wara l-kriżi. Il-KESE jinsab lest jiddiskuti r-rieżami tal-governanza ekonomika u ssuġġerixxa li titnieda konferenza tal-partijiet interessati li tkun koospitata mill-KESE u l-Kummissjoni.

Fir-rigward tal-Pjani Nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza, **is-Sur Dombrovskis** spjega li 23 mis-27 Stati Membri infurmaw lill-Kummissjoni dwar x’beħsiebhom jinkludu fihom. “Madankollu, filwaqt li l-ħeffa hija importanti biex il-fondi tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza jiċċirkolaw malajr kemm jista’ jkun, dak li huwa l-aktar importanti huwa l-kwalità”. Huwa wissa li kien **għad fadal ħafna xi jsir** qabel il-pjani jkunu maturi biżżejjed biex jiġu sottomessi u approvati. Huwa indika li għad hemm xi jsir fi tliet oqsma ewlenin: is-sistemi tal-awditjar u tal-iċċekkjar; stimi kredibbli tal-ispejjeż u traċċar tal-infiq klimatiku u diġitali; u r-rispett tal-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti”.

Huwa żied jgħid li l-implimentazzjoni tal-pjani għandha tkun appoġġjata f’kull stadju mill-imsieħba soċjali u s-soċjetà ċivili. Huwa rringrazzja lill-KESE talli wettaq eżerċizzju ta’ rendikont f’waqt u rilevanti permezz tar-[Riżoluzzjoni tiegħu dwar L-involviment tas-soċjetà ċivili organizzata fil-Pjani Nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza](#).

Fir-rigward tal-kummerċ internazzjonali, **is-Sinjura Schweng** qalet li sistema kummerċjali multilaterali bbażata fuq ir-regoli, kif ukoll ambjent kummerċjali internazzjonali miftuħ, ġust, inklużiv u prevedibbli jeħtieġ li jkomplu jkunu prinċipju gwida għall-Unjoni Ewropea. Il-KESE huwa ħerqan li jikkontribwixxi għal din l-analiżi, li se tidentifika l-aħjar Prattiki f’dan il-qasam, f’Opinjoni fuq inizjattiva proprja li għandha tiġi adottata sa Settembru.

Fl-aħħar, **is-Sinjura Schweng** qalet li l-KESE jittama li l-UE tkun tista’ tispira kooperazzjoni ġdida u aktar konsistenza bejn l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) u organizzazzjonijiet internazzjonali oħrajn, bħall-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO), dwar kwistjonijiet relatati mal-kummerċ u l-investiment, ix-xogħol deċenti, id-drittijiet soċjali u tal-bniedem, u t-tibdil fil-klima.

Is-Sur Dombrovskis qabel li t-tweġiba t-tajba għall-mistoqsija ta' kif nappoġġjaw l-irkupru tagħna u niżguraw il-prosperità tal-Ewropa hija billi nkomplu l-kummerċ mal-imsieħba globali tagħna. Fir-rigward tar-riforma istituzzjonali tad-WTO, huwa qal li l-għan tal-Kummissjoni huwa li tirriformula d-WTO bħala forum biex jiġu indirizzati l-aktar problemi urġenti tad-dinja tal-lum, bħall-indirizzar tal-impatt tal-COVID-19, l-appoġġ għas-sostenibbiltà ambjentali u soċjali, l-aġġornament tar-regoli għall-kummerċ diġitali, u l-indirizzar ta' prattiki kummerċjali inġusti. (na)



[#YEYS2021: Il-enerazzjoni ta' għana tal-Ewropa tilqa' l-isfida tal-klima](#)

Studenti tal-iskola postsekondarja mill-Ewropa kollha ppreżentaw proposti konkreti għal azzjoni klimatika lill-Viċi President Eżekuttiv tal-Kummissjoni Ewropea Frans Timmermans - l-eżitu ta' Summit virtwali taż-Żgħażaġħ dwar il-Klima organizzat mill-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew fit-18-19 ta' Marzu 2021.

“L-żgħażaġħ Ewropej għandhom vuċi b'rabta mal-ġejjieni tal-UE: mingħajr is-sejħa tagħkom għal azzjoni, [il-Patt Ekoloġiku Ewropew](#) ma setax iseħħ”, qal is-Sur Timmermans huwa u jintoduċi l-avveniment [L-Ewropa Tiegħek, Leħnek 2021](#). “Jiena tassew impressjonat bil-fehim fil-fond tagħkom tal-problema tat-tibdil fil-klima u bil-mod kif ippreżentajtu l-

proposti tagħkom lili. Dan huwa l-mod kif ngħixu - billi nifhmu lil xulxin. Huwa diffiċli ferm li tobġhod persuna li tista' tifhem,” ikkonkluda.

Wara jumejn ta' dibattiti virtwali mqanqla, aktar minn 234 student ta' bejn is-16 u t-18-il sena minn 28 pajż li ħadmu b' mod parallel f'45 kamra ta' negozjati virtwali żviluppaw rakkomandazzjonijiet prattiċi, li wara ppreżentawhom matul sessjoni plenarja finali.

L-istudenti kellhom jassumu r-rwol ta' grupp ta' partijiet ikkonċernati, billi ssimulaw [Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima](#) (COP), u ħadmu flimkien ma' gruppi oħrajn biex jiżviluppaw pjan li jrażżan it-tiżnin globali għal livelli sikuri ta' ferm inqas minn 1.5°C sa tmiem is-seklu. Il-gruppi kienu jirrappreżentaw setturi u industrij mill-ħajja reali, li l-attivitajiet u l-appoġġ tagħhom jinfluwenzaw it-tiżnin globali:

[Il-proposti](#) kienu jinkludu:

- It-t'awwil ta' si'ar fil-belt u l-installazzjoni ta' ?onna vertikali
- “Ecological-Manhattan-Project” g'all-UE, b'investiment ta' ammonti kbar f'teknoloġiji ?odda
- L-investiment f'aktar edukazzjoni g'all-pubbliku ?enerali
- L-implimentazzjoni ta' politiki mfassla apposta li jirrispondu g'a?-?irkostanzi spe?ifi?i ta' kull pajji?
- L-appo?? g?at-tis?ir b?ala wa?da mill-aktar soluzzjonijiet effi?jenti fit-tul g?at-tne??ija tal-karbonju
- L-introduzzjoni tal-idro?enu u l-bijogass filwaqt li ji?u eliminati gradwalment il-fjuwils fossili
- It-tnaqqis tad-distakk bejn in-nazzjonijiet ?viluppati u dawk li qed ji?viluppaw

Il-pjan finali mfassal miż-żgħażaġħ Ewropej ittraduċa f'żieda ta' 1.4°C fit-temperatura sal-2100, u b'hekk laħaq l-għan tal-eżerċizzju, u ġie ppreżentat minn tmien studenti.

Cillian Lohan, Viċi President tal-KESE inkarigat mill-komunikazzjoni, għalaq l-avveniment billi qal: “Nittama li l-esperjenza ta' “L-Ewropa Tiegħek, Leħnek” tħajjarkom tkunu ċittadini attiv, għandna bżonn il-parteċipazzjoni tagħkom biex id-demokrazija tkun b'saħħitha. Il-moviment taż-żgħażaġħ wera li l-bidla tista' toriġina mit-toroq. Illum qed ngħinu lil dawk is-sejħiet għal aktar azzjoni biex jidwu mal-kurituri tal-poter”.

Aktar dettalji dwar L-Ewropa Tiegħek, Leħnek 2021 jinsabu fil-paġna uffiċjali tal-avveniment. (ks)



Biddel is-sistema jekk trid twaqqaf it-tibdil fil-klima, jing?ata messa?? lill-KESE

FI-20 ta' Marzu, il-KESE ospita avveniment sekondarju virtwali flimkien ma' L-Ewropa Tiegħek, Leħnek! Dwar *Infasslu l-bidla sistemika*, fejn laqqa' flimkien diversi esperti, attivisti u influwenzaturi biex jaqsmu l-għarfien espert tagħhom dwar l-azzjoni klimatika fil-kuntest ta' bidla sistemika.

L-avveniment kien ippresedut mill-Viċi President tal-KESE responsabbli għall-Komunikazzjoni, Cillian Lohan, li introduċa s-suġġett: “It-tibdil fil-klima qed jintensifika u bħala individwi huwa diffiċli li naraw soluzzjoni; din l-isfida teħtieġ bidla fundamentali fil-kultura, l-imġiba u l-valuri”.

L-avveniment huwa maqsum f'erba' panels, kollha jiffukaw fuq il-ħtieġa għal bidla sistemika sabiex jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima.

Virginijus Sinkevičius, il-Kummissarju Ewropew għall-Ambjent, l-Oċeani u s-Sajd, fetaħ l-ewwel panel b'messaġġ permezz ta' filmat fejn enfasizza l-bżonn għal approċċ komprensiv: “It-tibdil fil-klima, it-telf tal-bijodiversità, it-tnaqqis tar-riżorsi u t-tniġġis huma konnessi, u jeħtieġ li nindirizzawhom flimkien. Ir-rispons tal-Kummissjoni Ewropea huwa l-Patt Ekoloġiku, iżda ċ-ċittadini għandhom rwol, billi għandna bżonn ideat friski li jridu jkunu sistemiċi”.

Josephine Becker, attivista tal-klima, semmjet il-kunċrett tal-ġustizzja klimatika: "L-Ewropa hija parzjalment responsabbli għal din il-kriżi klimatika, u għalhekk għandna dmir li naġixxu".

Fit-tieni panel, **Corina Angheloiu**, Strateġista ta' Livell Għoli fi ħdan il-Forum for the Future, tat il-fehmiet tagħha dwar l-aħjar approċċ biex tinbda bidla sistemika: "IL-punt ta' dħul ewlieni biex tinbda bidla sistemika huwa l-valuri; sistemi ekonomiċi attwali jiffukaw fuq l-effiċjenza, iżda jekk inqiegħdu l-ġustizzja fil-qalba tas-sistema, nistgħu naraw il-konsegwenzi".

Nisreen Elsaim, president tal-Grupp Konsultattiv dwar iż-Żgħażaġħ tan-Nazzjonijiet Uniti, wasslet dan il-messaġġ: "Is-sistemi ekonomiċi u politiċi attwali mhumiex qed jaqdu l-iskopijiet tagħna u qed jagħmlu ħsara lill-ambjent tagħna. Mhux qed jaħdem il-maniġment imsejjes fuq riżultati".

Lewis Akenji, Direttur Maniġerjali tal-Hot or Cool Institute, spjega fid-diskussjoni waqt it-tielet panel dwar kif sistemi attwali jinfluwenzaw il-modi ta' għajxien tan-nies kif ukoll l-għażla tat-trasport, ta' xogħol, ta' ikel, eċċ.: "Qed noħolqu inugwaljanzi li qed jikbru u qed nikkunsmaw wisq; is-sistemi ekonomiċi u politiċi tagħna mhux qed jagħmluna kuntenti".

Saori O'Connor, attivista favur il-klima, tkellmet dwar ir-rwol ta' dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet: "Il-mexxejja u l-politiċi jistgħu jikkellmu dwar ċifri u politiki, iżda ma jidhrux li jieħdu inkonsiderazzjoni r-realtajiet tan-nies".

L-aħħar panel wera eżempji speċifiċi ta' inizjattivi favur bidla sistemika. **Christian Kroll**, CEO u fundatur tal-magna tat-tiftix fuq l-internet, Ecosia, spjega li l-profitti kollha tal-kumpanija jintużaw biex jitħawlu speċijiet differenti ta' siġar b'valur miżjud għall-komunitajiet lokali madwar id-dinja.

Il-promotur tal-moda bil-galbu (slow fashion) u influwenzatur, **Juliet Bonhomme**, enfasizzat il-poter li l-konsumatur għandu permezz tal-għażliet li huwa jagħmel: "Flusna huma l-poter tagħna".

L-avveniment ġie segwit fuq Facebook minn aktar minn 100 ruħ minn madwar l-Ewropa, li kellhom l-opportunità wkoll li jiskopru l-bidla sistemika permezz tal-arti, ma' **Sophie Ong** u **Tibor Miklos**, żewġ artisti li ppreżentaw xogħlijiet imnebbħa mid-dibattiti immedjatament wara l-avveniment. (dgf)



[Il-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa](#) [tirrikonoxxi bis-s'?'i? ir-rwol ?entrali tal-KESE](#)

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew intalab jingħaqad mal-korp ewlieni tal-Konferenza li għandu jwitti t-triq tal-iżvilupp futur tal-UE.

Il-President tal-Kummissjoni Ewropea, **Ursula von der Leyen**, fil-linji gwida politiċi tagħha ta' Lulju 2019 għall-Kummissjoni li kienet għadha se tiegħu l-mandat, appellat għal Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa sabiex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jgħidu tagħhom dwar l-iżvilupp futur tal-UE.

Fuq dan ġiet iffirmata Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa fl-10 ta' Marzu 2021 mill-Presidenti tat-tliet

istituzzjonijiet prinċipali tal-UE (il-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni Ewropea u l-Kunsill tal-UE), li ddefinixxew il-kamp ta' applikazzjoni preċiż tagħha (impenn maċ-ċittadini), il-kontenut (il-ksiba tat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali u t-tisħ tar-reżiljenza, il-kompetittività u s-solidarjetà tal-Ewropa) u l-iskeda taż-żmien (il-konklużjonijiet għandhom jkunu lesti sar-rebbiegħa 2022).

Il-Bord Eżekuttiv huwa l-pilastru tal-governanza tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, peress li jara l-ħidma tal-Konferenza u jirrapporta direttament lill-plenarja tal-Konferenza.

Il-KESE, bħala dar is-soċjetà ċivili Ewropea u l-pont bejn l-istituzzjonijiet Ewropej u s-soċjetà ċivili organizzata, ġie mistieden jingħaqad mal-Bord Eżekuttiv.

Christa Schweng, President tal-KESE, ħadet sehem fil-laqgħat kollha tal-Bord Eżekuttiv.

Sadanittant, il-KESE qiegħed jirfina l-kontribut tiegħu għall-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, u jista' jiddependi fuq mill-inqas tliet aspetti b'saħħithom ewlenin:

- it-329 membru li ?ejjin mill-aspetti kollha tal-?ajja (impjegaturi, trade unions u s-so?jetà ?ivili b'mod ?enerali) u mis-27 Stat Membru;
- in-network stabbilit tieġ?u mal-kunsilli ekonomi?i u so?jali nazzjonali; u
- il-Grupp ta' Kuntatt tieġ?u, network ta' organizzazzjonijiet tas-so?jetà ?ivili, li, filwaqt li mhux rappre?entant direttament fil-KESE, g?andu rabtiet b'sa??ithom mieg?u, u b'hekk i?id il-vi?ibilità tieġ?u.

Il-KESE huwa konvint, iktar minn qatt qabel, li permezz ta' kontributi speċifiċi u konkreti għall-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, jista' jagħmel differenza, u jiżgura li leħen is-soċjetà ċivili Ewropea ser jinstema' b'mod ċar u tond. (sm)



Il-KESE janalizzza l-isfidi tat-telexogħol

Matul l-ewwel miżuri ta' lockdown b'riżultat tal-pandemija tal-COVID-19, l-għadd ta' teleħaddiema sploda minn 5 % għal 40 % tal-forza tax-xogħol fl-UE. Sena wara, filwaqt li t-telexogħol baqa' għaddej, għad hemm diffikultà biex issir valutazzjoni xierqa tal-impatt tiegħu fuq l-impjegaturi, l-impjegati u s-soċjetà kollha kemm hi. Il-KESE jindika l-ħtieġa għal aktar riċerka u għal perspettiva fit-tul, bil-ħsieb li jiġu sfruttati l-benefiċċji u jittaffew ir-riskji ta' din il-forma ta' xogħol.

Minkejja l-opportunitajiet ovvji li joffri kemm lill-ħaddiema kif ukoll lil min iħaddem, b'hal produttività akbar, arranġamenti tax-xogħol aktar flessibbli u awtonomija akbar, it-telexogħol xorta jista' jkollu impatt negattiv fuq il-ħajja tax-xogħol u dik privata ta' ċittadini. Matul il-pandemija, il-linja bejn it-tnejn xi drabi ma kinitx ċara, b'ammont eċċessiv u ħinijiet itwal ta' xogħol, u ħin ta' mistrieħ insuffiċjenti.

Peress li t-telexogħol sar parti minn kultura ta' attività kontinwa, fejn ħafna ħaddiema jsibuha diffiċli jiskonnettjaw, it-telexogħol jista' jkollu effetti fuq is-saħħa mentali u fiżika tal-popolazzjoni u l-benesseri tagħha. F'żewġ Opinjonijiet dwar it-telexogħol adottati fis-sessjoni plenarja ta' Marzu, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) innota li n-nisa huma partikolarment vulnerabbli għall-aspetti negattivi tat-telexogħol, peress li jaħdmu mid-dar aktar ta' spiss u jkollhom jikkombinaw ix-xogħol mal-faċendi tad-dar.

Iċ-ċifri pprovduti minn studju mwettaq mill-Eurofound urew li 30 % tat-teleħaddiema "regolari" ħadmu fil-ħin liberu tagħhom ta' kuljum, jew bosta drabi fil-ġimgħa, u madwar 20 % ħadmu aktar minn 48 siegħa fil-ġimgħa. Madwar 40 % tat-teleħaddiema "regolari" kellhom inqas minn 11-il siegħa ta' mistrieħ kuljum.

Sabiex jiġu minimizzati r-riskji u jiġu amplifikati l-benefiċċji tat-telexogħol fi żminijiet ta' wara l-pandemija, il-KESE qed jappella lill-imsieħba soċjali fl-Istati Membri biex ifasslu regoli apposta għal kull pajjiż, u għal kull sitwazzjoni speċifika tas-setturi u l-kumpaniji, fil-qafas tad-djalogu soċjali eżistenti u s-sistemi ta' negozjar kollettiv.

It-telexogħol għandu jkun regolat b'mod xieraq; hawnhekk huwa importanti li jiġi żgurat li jkun riversibbli ladarba l-kriżi tal-COVID-19 tasal fi tmiemha, u li jibqa' volontarju. It-teleħaddiema għandu jkollhom l-istess drittijiet individwali u kollettivi u l-istess ammont ta' xogħol b'hal-kollegi tagħhom li jaħdmu fil-bini tal-impjegaturi tagħhom. Il-KESE qal li l-arranġamenti tat-telexogħol għandhom jiġu stabbiliti bil-miktub, filwaqt li jiggarrantixxu trattament ugwali u kundizzjonijiet ta' saħħa u sigurtà ugwali fuq il-post tax-xogħol.

"It-telexogħol se jkun karatteristika tas-swieq tax-xogħol futuri, iżda ma nistgħux nippermettu li dan iwassal għal rigress soċjali u l-iżolament tal-ħaddiema. Dan jista' jgħin liċ-ċittadini jirrikonċiljaw il-ħajja professjonali ma' dik personali, iżda ma nistgħux nippermettu kwalunkwe diskriminazzjoni jew differenza fit-trattament bejn dawk li jaħdmu d-dar u dawk li jiddeċiedu li jmorru fl-uffiċċju," qal ir-relatur tal-Opinjoni dwar *L-isfidi tat-telexogħol*, **Carlos Manuel Trindade**.

Il-KESE nnota li minħabba l-fatt li dan il-mod ta' ħidma qed jinfirex malajr, u fid-dawl tat-tagħlimiet meħuda mill-pandemija, il-ftehimiet eżistenti tal-UE li jkopru t-telexogħol għandhom jiġu vvalutati biex ikun żgurat li

dawn jibqgħu effettivi fiċ-ċirkostanzi l-ġodda.

Il-Ftehim Qafas dwar it-Telexogħol tal-2002 u dak dwar id-Diġitalizzazzjoni tal-2020, iffirmati mill-imsieħba soċjali fil-livell tal-UE, huma partikolarment rilevanti. Dawn għandhom jitqiesu mill-Istati Membri u l-imsieħba soċjali meta jfasslu l-oqfsa nazzjonali għall-kumpaniji u l-ħaddiema li jużaw din il-forma ta' xogħol.

Barra minn hekk, inizjattiva Ewropea tista' potenzjalment titnieda taħt it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u/jew fil-livell tal-Istati Membri sabiex jiġi protett u implimentat id-dritt għall-iskonnessjoni.

L-UE u l-Istati Membri għandhom jagħmlu użu wkoll mil-leġiżlazzjoni eżistenti, bħad-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol u d-Direttiva dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, li hija applikabbli bis-sħiħ għat-telexogħol. Dawk id-Direttivi għandhom jiġu trasposti fil-liġi nazzjonali u implimentati kif xieraq, peress li dan "bla dubju se jwassal għal titjib fil-kundizzjonijiet tax-xogħol tat-teleħaddiema".

L-KESE ġibed l-attenzjoni wkoll għar-riskju li t-telexogħol jintuża biex jiġi impost piż doppju ta' xogħol bil-ħlas u mingħajr ħlas. Ix-xogħol tad-dar għadu mhux jinqasam b'mod ugwali bejn in-nisa u l-irġiel, li fil-parti huwa piż li jinġarr min-nisa, u dan inaqqas il-kapaċità tagħhom li jkunu produttivi fix-xogħol bil-ħlas u jista' wkoll idgħajjef il-prospetti professjonali tagħhom.

"Kemm is-soċjetà inġenerali, kif ukoll in-negozji jeħtiġilhom jagħmlu dak kollu possibbli biex iġibu fix-xejn dawn l-isterjotipi marbuta mal-ġeneru u jirrikonoxxu lin-nisa bħala ħaddiema fihom infushom lil hinn mill-ħafna rwoli u kwalitajiet oħra tagħhom. L-ispiża ekonomika u soċjali ta' dawn il-preġudizzji għas-soċjetà hija kbira ħafna," qalet ir-relatur tal-Opinjoni, **Milena Angelova**.

F'dan ir-rigward, il-KESE appella wkoll għal "Ftehim ta' Kura għall-Ewropa", filwaqt li enfażizza li infrastruttura u servizzi ta' kura disponibbli, aċċessibbli u affordabbli għat-tfal, il-persuni bi bżonnijiet speċjali u l-anzjani huma prerekwiżit kruċjali ieħor għal telexogħol ugwali bejn il-ġeneri.



Wasal i? -?mien li nsa? ?u l-azzjoni Ewropea dwar il-politiki dwar id-di?abbiltà

Fl-24 ta' Marzu, il-KESE ospita dibattitu mal-Kummissarju tal-UE għall-Ugwaljanza, Helena Dalli, dwar l-istrateġija l-ġdida dwar id-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà, immedija reċentement mill-Kummissjoni Ewropea.

L-istrateġija, li se tkun fis-seħħ mill-2021 sal-2030, għandha l-għan li tiżgura implimentazzjoni sħiħa fl-UE tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà (UNCPRD). Il-UNCPRD hija trattat rivoluzzjonarju li biddlet il-perċezzjoni tad-diżabbiltà billi adottat approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem u tagħti lis-soċjetà r-responsabbiltà għat-tneħħija tal-ostakli li jipprevjenu lin-nies ikkonċernati milli jkunu inklużi bis-sħiħ fis-soċjetà.

“Nilqgħu l-Istrateġija ġdida tal-UE dwar id-Diżabbiltà. Madwar 87 miljun persuna fl-UE għandhom xi forma ta' diżabbiltà, u aktar minn nofshom iħossuhom diskriminati”, qalet il-President tal-KESE, **Christa Schweng** fil-kummenti tal-ftuħ tagħha.

Hija fakkret li l-KESE kien l-ewwel istituzzjoni li adotta Opinjonijiet fuq inizjattiva proprja fl-2019 fejn appella għal Aġenda ġdida dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà li tkun allinjata bis-sħiħ mal-UNCPRD: “Ninsab kuntenta li ħafna mir-rakkomandazzjonijiet li aħna konna ressaqna ġew riflessi fl-Istrateġija tal-UE dwar il-Persuni b'Diżabbiltà proposta ftit tal-ġimgħat ilu”.

Il-KESE insista fuq l-implimentazzjoni sħiħa tal-UNCPRD, kemm fl-Opinjonijiet tiegħu kif ukoll permezz tal-ħidma tal-Grupp ta' Studju tematiku tiegħu dwar id-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà, li ġie stabbilit biex jimmonitorja kif l-UNCPRD qed tiġi implimentata mill-Istati Membri.

L-Opinjoni dwar [It-tiswir tal-aġenda tal-UE għal drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà 2020-2030](#) mhijiex l-uniku test tal-KESE dwar dan is-suġġett, huwa adotta bosta oħrajn ukoll, bħar-[rapport ta' informazzjoni](#) u l-[Opinjoni](#) dwar id-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà biex jivvutaw fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew. Il-KESE se janalizza l-istrateġija l-ġdida f'Opinjoni ġdida, li għandha tiġi ppreżentata fis-sessjoni plenarja ta' Lulju.

“Għaxar snin wara li l-UE rratifikat l-UNCPRD, issa huwa ż-żmien li nsaħħu l-azzjoni Ewropea fil-qasam tal-politiki dwar id-diżabbiltà. L-għan tagħna huwa li nwasslu bidliet pożittivi għall-ħajjiet tal-persuni b'diżabbiltà fl-UE u lil hinn, sabiex ikunu jistgħu jipparteċipaw fuq bażi ugwali mal-oħrajn mingħajr ebda eċċezzjoni”, qalet il-Kummissarju Dalli.

Il-membri tal-KESE tkellmu favur l-istrateġija l-ġdida, iżda wissew li, meta jimplimentawha, l-UE u l-Istati Membri jeħtiġilhom jqisu l-effetti devastanti tal-pandemija fuq il-persuni b'diżabbiltà, speċjalment fil-qasam tal-impjeg u tal-edukazzjoni, fejn ġew aggravati l-inugwaljanzi eżistenti. (II)



It-trasport ferrovjarju tal-UE – l-2021, is-Sena Ewropea tal-Ferroviji, hija l-a?jar ?mien g?all-bidla

It-trasport ferrovjarju għad irid jagħmel progress politiku, regolatorju u kulturali, għalkemm 25 sena ta' liberalizzazzjoni għamlu ħafna progress lejn il-ftuħ tas-swieq u lejn il-kisba ta' armonizzazzjoni teknika. Dan huwa l-messaġġ ewlieni ta' Opinjoni dwar Żona Ferrovjarja Unika Ewropea adottata fis-sessjoni plenarja tal-KESE ta' Marzu.

Hemm bżonn ta' analiżi imparzjali taż-Żona Ferrovjarja Unika Ewropea u l-kisbiet tagħha u s-**Sena Ewropea tal-Ferroviji 2021** tista' tipprovdi opportunità eċċellenti sabiex jingħata rendikont tal-iżviluppi u jiġu stabbiliti għanijiet ġodda għall-futur, jenfasizza l-KESE.

Waqt li tkellem waqt id-dibattitu tal-plenarja, ir-relatur tal-[Opinjoni](#),

Stefan Back, qal: "Il-ferroviji jeħtieġu bidla fil-kultura u approċċ li huwa ħafna aktar iċċentrat fuq il-ħtiġijiet tal-konsumaturi, fir-rigward kemm tat-trasport tal-passiġġieri kif ukoll tat-trasport tal-merkanzija. Is-Sena Ewropea tal-Ferroviji 2021 għandha tintuża bħala opportunità biex tiġi promossa din il-bidla fl-imġiba u tiġi żviluppata kooperazzjoni aktar faċli bejn l-operaturi u l-konsumaturi u biex tiġi sfruttata d-diġitalizzazzjoni."

Il-pandemija tal-COVID-19 waqqfet jew imblukkat il-proġetti, li issa jridu jitkomplew. L-għajnuna mill-Istat tibqa' kruċjali biex tiżgura li s-servizzi essenzjali wara l-kriżi u l-kuntratti ta' servizz pubbliku jistgħu jggarantixxu servizzi għall-passiġġieri aċċessibbli, affordabbli u inklużivi għal kulħadd. Fil-fehma tal-KESE, din hija waħda mill-aktar miżuri effettivi u effiċjenti biex jiġi promoss it-trasport ferrovjarju tal-passiġġieri.
(mp)

It-tranżizzjoni tal-enerġija – L-UE je?tie? tbidel il-pass



Il-pass tat-trasformazzjoni lejn l-Unjoni tal-Enerġija je?ħtieġ li jiżdied b'mod sinifikanti jekk irridu nilħqu l-oġġettivi tal-enerġija u tal-klima tal-UE għall-2050, iżda li ninzoraw is-sitwazzjoni soċjali u ekonomika fi Stati Membri individwali jista' jkun perikoluż, jargumenta l-KESE f'Opinjoni reċenti.

Jekk ma jitqiesux biżżejjed il-kundizzjonijiet soċjali u ekonomiċi fl-Istati Membri differenti, dan jista' jhedded l-aċċettazzjoni soċjali għall-investiment u r-riformi mmirati biex jaċċelleraw it-tranżizzjoni tal-enerġija, jisħaq il-KESE.

Fl-[Opinjoni](#), abbozzata minn **Lutz Ribbe** u adottata fis-sessjoni plenarja ta' Marzu, il-KESE jistabbilixxi l-pożizzjoni tiegħu dwar ir-rapporti tal-2020 dwar l-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija u l-Valutazzjoni tal-Pjani Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima (NECPs), u qal li, minkejja li l-oġġettivi tal-enerġija u l-klima għall-2020 fil-parti l-kbira ntlaħqu, dan mgħandux iwassal għal kompjaċenza.

L-oġġettivi għat-30 sena li jmiss, b'bidu mis-snin 2020, iridu jkunu aktar ambizzjużi u tassew iqiegħdu liċ-ċittadini tal-Ewropa fil-qalba tal-Unjoni tal-Enerġija.

Is-Sur Ribbe qal: "It-tranżizzjoni tal-enerġija tkun f'riskju jekk il-politiċi jwiegħdu l-parteċipazzjoni lil parti wiesgħa tas-soċjetà, iżda fir-realtà ma jqisux din il-wegħda bis-serjetà u ma jwettquhiex." (mp)



[L-istrateġija l-?dida tal-Kummissjoni biex ji?i indirizzat is-self improduttiv mhijiex adatta g?a?-? minijiet tal-COVID-19](#)

Il-KESE jilqa' l-Pjan ta' Azzjoni l-ġdid tal-Komunikazzjoni dwar is-self improduttiv, iżda huwa tal-fehma li huwa nieqes minn proposti ġodda adatti għaż-żminijiet tal-COVID-19, li jħalli lill-Ewropa tiffaċċja żmien straordinarju b'regoli miktuba għal żminijiet ordinarji.

[F'Opinjoni adottata mill-assemblea plenarja fil-25 ta' Marzu](#), il-KESE analizza l-istrateġija għat-ttrattament ta' self improduttiv. Il-Kummissjoni Ewropea stabbilixxiet it-tħassib ewlieni tagħha dwar setturi speċifiċi tal-ekonomija, bħall-banek, ix-xerrejja tal-kreditu, is-servizzjanti tal-kreditu. Madankollu, il-KESE ddeskriva l-perspettiva tas-soċjetà usa' Ewropea.

"Il-KESE għandu għal qalbu l-istabbiltà tas-settur bankajru", qal ir-relatur tal-Opinjoni, **Kęstutis Kupšys**. "Iżda għandna għal qalbna wkoll in-negozji li huma midjuna u li ma jistgħux jibqgħu jħalli d-djun tagħhom, kif ukoll negozji vijabbli li jistgħu jeħtieġu flus addizzjonali mill-banek. Kellna wkoll ċittadini vulnerabbli f'moħħna, dawk li huma midjuna u li waslu biex isiru vittmi ta' "fondi opportunistiċi". Fl-aħjar nett, kellna f'moħħna l-kontribwenti kollha: meta, jew aħjar, jekk il-fondi pubbliċi huma allokati biex jinxtraw portafolli ta' self improduttiv, huma dawk li jħalli biex isalvaw il-banek minn djun irrekuperabbli".

Il-KESE jirrakkomanda li qabel kolloxx jiġu indirizzati l-kawżi fundamentali tas-self improduttiv sabiex jiġi evitat li jakkumula fil-futur. L-aħjar mod huwa li jiġi żgurat li l-kompetittività titjeb b'mod kostanti, b'enfasi fuq il-kontinwità tan-negozju u l-irkupru ekonomiku, filwaqt li jitkompla l-iżvilupp ta' sistemi tas-sigurtà soċjali solidi, jiġi miġġieled il-faqar, id-dejn eċċessiv u l-qgħad, u jiġu ggarantiti pagi adegwati u implimentati miżuri kontroċikliċi tal-politika ekonomika fi żminijiet ta' kriżi.

Fid-dawl tal-impatt tal-coronavirus fuq l-ekonomija tal-UE, il-volum ta' self improduttiv huwa mistenni li jiżdied madwar l-UE. Sabiex jitnaqqsu l-konsegwenzi negattivi, il-KESE jappella sabiex il-miżuri ta' salvataġġ għall-għajnuna lill-istituzzjonijiet ta' kreditu jimxu id f'id ma' miżuri ta' għajnuna tal-gvern għal mutwatarji li minħabba l-pandemija spiċċaw f'diffikultà.

Filwaqt li l-Kummissjoni Ewropea tipproponi aktar żvilupp ta' swieq sekondarji għal assi f'diffikultà, il-KESE jemmen li l-ħtieġa għal suq tas-self improduttiv pan-UE u transfruntier hija esaġerata. Huwa perikoluż li jiġi pprovdut "passaport" operattiv fl-UE kollha għall-kollekturi tad-dejn mingħajr superviżjoni xierqa kemm mill-pajjiżi "ta' oriġini" kif ukoll minn dawk "ospitanti". Dan l-approċċ jista' biss jiġi ġustifikat jekk ikun hemm sett ta' miżuri ta' kontrobilanċ li jgħinu biex jiġu mħarsa mutwatarji li jinsabu f'diffikultà: standard ta' protezzjoni tal-konsumatur madwar l-UE kollha għall-kollekturi tad-dejn.

Barra minn hekk, hemm dubji serji dwar jekk l-operazzjonijiet transfruntiera tax-xerrejja tal-kreditu jipprovdux benefiċċji ekonomiċi tanġibbli għas-sistema ekonomika b'mod ġenerali, u mhux biss għall-banek, ix-xerrejja tal-kreditu u s-servizzjanti tal-kreditu.

Fejn jidħol il-bejgħ ta' self improduttiv lil kumpaniji li jiġġestixxu l-assi (magħrufa fil-lingwaġġ komuni bħala "banek tal-assi ħżiena"), il-KESE jemmen li din għandha tibqa' l-eċċezzjoni. Trid tingħata preferenza lil ftehimiet bilaterali ta' ristrutturazzjoni bejn l-istituzzjoni tal-kreditu u l-mutwatarju, b'enfasi fuq il-kontinwità tan-negozju u l-irkupru ekonomiku.

Skont Kęstutis Kupęsys, id-dokument tal-Kummissjoni Ewropea tittratta biss b'mod limitat, f'termini teknokratiċi, kwistjoni li taffettwa lil ħafna sezzjonijiet tas-soċjetà "fil-lokal tagħhom". "Il-messaġġ li rridu nwasslu huwa li l-kwistjoni tas-self improduttiv m'għandhiex tiġi magħquda ma' kwistjonijiet relatati mal-preservazzjoni tal-istabbiltà finanzjarja", huwa kkummenta. "Kollox ma' kollox, naraw li l-mod xieraq biex nittrattaw is-self improduttiv huwa fi ħdan il-banek, mhux billi nqiegħduhom fis-suq meta s-self isir dubjuż. Id-djun m'għandhomx isiru komodità!" (na)



[Il-KESE jipproponi mi?uri li jappo??jaw l-investment fl-estrazzjoni u r-ri?ikla?? ta' materja prima kritika](#)

Fis-sessjoni plenarja tiegħu ta' Marzu, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta opinjoni li tipproponi li tappoġġja l-investment fl-esplorazzjoni u l-estrazzjoni ta' materja prima kritika u l-użu ta' materjali sekondarji mill-iskart, peress li dan huwa essenzjali għat-tranżizzjoni ekoloġika fl-UE.

F'Settembru 2020, il-Kummissjoni Ewropea adottat il-Pjan ta' Azzjoni għall-Materja Prima Kritika tagħha, bil-għan li tnaqqas id-dipendenza fuq materja prima kritika primarja u ssaħħaħ is-sors domestiku ta' materja prima fl-UE. L-Opinjoni adottata mill-KESE tilqa' dan l-approċċ, peress li tappoġġja "bis-sħiħ it-tranżizzjoni ekoloġika tas-settur tal-enerġija" u tqis "l-estrazzjoni tal-materja prima meħtieġa għall-użu tat-teknoloġiji ekoloġiċi bħala pass fundamentali".

Madankollu, fl-Opinjoni tiegħu l-KESE jappella għal miżuri addizzjonali biex jagħmlu dan l-approċċ possibbli, billi l-esplorazzjoni u l-estrazzjoni huma attivitajiet ta' riskju għoli. Ir-relatur **Dumitru Fornea**, enfasizza din il-fehma meta qal: "*L-inċentivar kemm tal-provenjenza primarja kif ukoll sekondarja huwa essenzjali, u għalhekk għandna bżonn ngħinu l-investment fis-settur tal-estrazzjoni u nħaffu l-analiżi tal-iskart li potenzjalment fih materjali ta' valur.*"

Il-korelatur **Michal Pintér** spjega li dan l-appoġġ jista' jjeħu diversi forom: huwa qal "*Għandna bżonn ngħinu l-investment permezz ta' garanziji ta' self, reġimi ta' deprezzament u għajnuna mill-istat, iżda wkoll billi niżviluppaw proċess ta' awtorizzazzjoni razzjonalizzat għall-attivitajiet tal-minjieri.*"

L-Opinjoni tenfasizza wkoll l-importanza li titwessa' d-definizzjoni ta' materja prima kritika, li tradizzjonalment tinftehem bħala materja li ġejja mis-settur tal-minjieri. Fil-fehma tal-KESE, din hija ristretta wisq u tillimita t-kabbir tal-enerġiji ekoloġiċi, billi l-materjali bbażati fuq l-injam jistgħu jintużaw b'mod

effiċjenti f'ħafna aktar applikazzjonijiet milli fil-passat.

Is-settur tal-materja prima għandu potenzjal ekonomiku kbir ħafna. Huwa jipprovdi madwar 350 000 impjieg fi ħdan l-UE, u aktar minn 30 miljun impjieg fl-industrija tal-manifattura downstream li jiddependu minn aċċess affidabbli u bla xkiel għal materja prima minerali. L-OECD tbassar li l-użu globali tal-materja se jirdoppja sal-2060, u l-użu tal-metall b'mod partikolari huwa mistenni li jikber b'150 %. Dan x'aktarx iżid il-pressjoni fuq ir-riżorsi tal-pjaneta u jipperikola l-gwadann fil-benesseri globali.

Filwaqt li tqis dan, l-Opinjoni tenfasizza l-importanza li jiġu integrati dimensjonijiet ġodda fil-metodoloġija użata biex tiġi stabbilita lista tal-minerali kritiċi. Il-KESE jqis li l-Kummissjoni Ewropea għandha tqis "il-ħtiġijiet u l-interessi tan-nies u tal-ekonomija fil-pajjiżi li minnhom il-materja prima għandha tiġi esportata lejn l-Ewropa". Għandhom għallhekk jiġu definiti kriterji adatti biex jiġi vverifikat jekk il-ktajjen tal-provvista globali għal dan it-tip ta' materja prima jikkonformawx mal-prinċipji etiċi. (ks)



[Il-KESE jappella għal kundizzjonijiet aktar preċiżi u armonizzati għal iċċiklu tal-ħajja aktar sostenibbli għall-batteriji fl-UE](#)

Fis-sessjoni plenarja tiegħu ta' Marzu, il-KESE adotta [Opinjoni](#) li tippromovi arranġamenti u sytrumenti ta' governanza aktar preċiżi u operattivi sabiex jiġi implimentat ir-regolament il-ġdid dwar il-batteriji bl-involvement tal-partijiet interessati kollha. Fil-fehma tal-KESE, dan jista' jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' qafas tal-Unjoni li jkopri ċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-batteriji fl-UE.

Fl-10 ta' Diċembru 2020, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat proposta għal [Regolament](#) dwar batteriji u l-iskart tal-batteriji. Il-proposta hija konformi mal-[Patt Ekoloġiku Ewropew](#), li jippromovi d-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija tal-UE sabiex tilħaq in-newtralità klimatika sal-2050.

L-Opinjoni adottata mill-KESE tappoġġja l-miżuri stabbiliti fir-Regolament: bis-saħħa tal-istandards il-ġodda tagħha rigward batteriji, il-Kummissjoni se tippromovi wkoll fil-livell globali t-tranżizzjoni ekoloġika u tistabbilixxi pjan għal aktar inizjattivi li jaqgħu taħt il-politika tagħha favur prodotti sostenibbli.

Madankollu, fl-Opinjoni tiegħu l-KESE jappella għal strumenti u arranġamenti ta' governanza aktar preċiżi u funzjonali sabiex jiġi implimentat ir-regolament il-ġdid, bil-partijiet interessati kollha involuti. Fi kliem ir-relatur, **Bruno Choix**: "Ir-regolament propost għandu l-għan li jiżviluppa qafas tal-Unjoni li jkopri ċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-batteriji, inklużi regoli armonizzati u aktar ambizzjużi għall-batteriji, il-komponenti, l-iskart tal-batteriji u l-materjali riċiklati. Permezz ta' dan ir-regolament, il-Kummissjoni beħsieba tippromovi l-innovazzjoni kif ukoll l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-għarfien espert teknoloġiku tal-UE".

Il-korelatur, **Frank Uhlig**, spjega li dan l-appoġġ jista' jieħu diversi forom: "Fir-rigward tal-implimentazzjoni tad-diliġenza dovuta għall-monitoraġġ tal-katina tal-provvista tal-batteriji, aħna nitolbu trasparenza sħiħa fl-implimentazzjoni ta' din is-sistema ta' monitoraġġ. Ir-riċiklaġġ, ir-rinnovazzjoni u l-użu mill-ġdid tal-batteriji jgħinu biex tiġi żgurata l-katina tal-valur upstream. Huwa essenzjali l-appoġġ tar-riċerka u l-iżvilupp fuq l-ekodisinn".

Il-KESE jirrakkomanda li jiġu indirizzati l-isfidi f'dan il-qasam billi jissaħħu r-rwol u r-riżorsi tal-ECHA (Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi) u tal-OSHA (Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol).

Il-KESE jipproponi li jiġi introdott il-kunċett ta' "tmiem l-użu" li jikkomplementa dak ta' "tmiem il-ħajja" sabiex jiġu promossi l-użu mill-ġdid, ir-rinnovazzjoni jew it-tieni ħajja u r-riċiklaġġ tal-batteriji.

Batteriji li jitqiegħdu fis-suq tal-UE għandhom isiru sostenibbli, ta' prestazzjoni għolja u sikuri tul iċ-ċiklu kollu tal-ħajja tagħhom. Dan ifisser batteriji li jiġu prodotti bl-inqas impatt ambjentali possibbli, bl-użu ta' materjali miksuba f'konformità sħiħa mad-drittijiet tal-bniedem kif ukoll ma' standards soċjali u ekoloġiċi. Il-batteriji għandhom ikunu dejjiema u sikuri, u fi tmiem ħajjithom għandhom jingħataw skop ġdid, jiġu mmanifatturati mill-ġdid jew riċiklati, u b'hekk jerġgħu jiddaħħlu materjali ta' valur lura fl-ekonomija. (ks)



[?ona Ewropea tar-Ri?erka: il-KESE jfa??ar il-bidla radikali tag?ħa b?ala Patt ?did vera g?ar-Ri?erka u l-Innovazzjoni tal-Ewropa](#)

Permezz tal-pjan ta' azzjoni ġdid, il-Kummissjoni Ewropea turi li hija determinata li timpedixxi li l-Ewropa toħroġ telliefa fil-konfront tal-Istati Uniti u l-Asja kemm fir-riċerka bażika kif ukoll dik applikata, fil-privattivi u fil-prodotti u s-servizzi tat-teknoloġija avvanzata, jgħid il-KESE f'[rapport](#) adottat fil-plenarja ta' Marzu.

L-aktar element b'saħħtu tal-[proposta l-ġdida taż-Żona Ewropea tar-Riċerka](#) (ŻER) huwa l-enfasi tagħha fuq **proċess rapidu li permezz tiegħu r-riżultati tar-riċerka u l-innovazzjoni jissarfu f'negozji u impjegi sostenibbli**, jenfasizza l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE).

"Huwa assolutament neċessarju li ż-ŻER l-ġdida ma tkunx sempliċiment verżjoni ġdida tal-istess ħaġa", itenni r-relatur tal-Opinjoni **Paul Rübigen**. "Dan il-Patt il-Ġdid se jagħti spinta lill-impatt tar-riċerka u l-innovazzjoni fi żmien meta l-innovazzjoni se tkun deċiżiva, mhux biss għall-ekonomija tal-Ewropa milquta mill-COVID, iżda wkoll għas-sopravivenza tal-pjaneta".

Meta mqabbel mal-Istati Uniti u l-Asja, ir-riċerka Ewropea mxiet b'pass aktar kajman biex tikkonverti r-riżultati tar-riċerka u l-iżvilupp fi prodotti u servizzi innovattivi. L-Ewropa għadha lura meta mqabbla mal-Asja fil-prestazzjoni tal-privattivi (fl-2019, l-Asja ppreżentat 65 % tal-applikazzjonijiet globali għal privattivi, mentri

L-Ewropa ppreżentat biss 11,3 %), u speċjalment fin-negozji tas-servizzi diġitali u l-innovazzjonijiet li jagħtu spinta lit-teknoloġija (technology-push innovations), jiġifieri prodotti ġodda xprunati mir-riċerka u l-iżvilupp f'teknoloġija ġdida. B'mod aktar ġenerali, matul dawn l-aħħar 20 sena, l-Asja, speċjalment iċ-Ċina u l-Korea, tejbet bil-kbir il-prestazzjoni tar-riċerka, it-teknoloġija u l-innovazzjoni tagħha. Iż-ŻER il-ġdida għandha tgħin lill-Ewropa tirkupra permezz ta' investimenti u aktar mobbiltà.

Filwaqt li jappoġġja l-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni, il-KESE jindika **ħames setturi ewlenin** li ma ġewx inklużi fil-lista ta' teknoloġiji diġitali strateġiċi, iżda li huma vitali għall-prosperità tal-Ewropa:

- il-mudelli kummerċjali diġitali;
- it-teknoloġiji ta' manifattura tal-prodotti u tal-ikel;
- ir-riċerka klinika u s-settur tal-farmaċewtiku u tal-bijoteknoloġija;
- it-teknoloġiji tal-ispazju;
- l-ilma nadif u s-sanità.

Punt ewleni ieħor li jagħmel il-KESE fl-Opinjoni tiegħu huwa l-ħtieġa li jkun hemm **bilanċ bejn l-eċċellenza u r-rapidità** tat-trasferiment tar-riżultati tar-riċerka u l-iżvilupp fi prodotti u servizzi innovattivi. Għall-impreżi r-rapidità hija essenzjali, filwaqt li x-xjentisti jaspiraw li jilħqu l-eċċellenza u jitolbu aktar ħin u flus għar-riċerka u l-innovazzjoni. Il-politika tar-riċerka, it-teknoloġija u l-innovazzjoni tal-Kummissjoni għandha tirrikonċilja dawn iż-żewġ tendenzi. (dm)



Il-futur tal-Ewropa se jiddependi fuq kif ni?? estixxu ?-?oni rurali

Iż-żoni rurali għandhom isiru aktar attraenti għaż-żgħażaġh u n-negozji. Dan itejjeb il-kwalità tal-ħajja tal-Ewropej kollha, u jippermettilhom jagħżlu fejn iridu jgħixu u jaħdmu. Din kienet waħda mill-konklużjonijiet ewlenin mid-dibattitu intitolat *Lejn strateġija olistika dwar l-iżvilupp rurali u urban sostenibbli*, li sar fil-KESE fit-8 ta' Marzu.

L-iżvilupp fiż-żoni rurali u urbani tal-Ewropa mhux iseħħ bl-istess mod. Huwa kruċjali li jitrawmu politiki li jrażżnu din it-tendenza, jiżguraw tranżizzjoni ġusta u sostenibbli lejn ekonomija tal-benesseri fl-oqasma kollha u jiġi promoss il-bilanċ mill-ġdid tal-popolazzjoni. B'mod partikolari, iż-żoni rurali, li jaqdu rwol kritiku fil-koeżjoni ekonomika u soċjali, fir-reżiljenza tar-reġjuni, u fil-kontribut ta' servizzi innumerabbli mid-diversi

ekosistemi lokali, inkluża l-produzzjoni tal-ikel, għandhom isiru aktar attraenti għaż-żgħażaġh u n-negozji.

Peter Schmidt, President tas-Sezzjoni għall-Agricoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent (NAT) tal-KESE, qal: “L-irkupru ta’ wara l-COVID joffri l-opportunità perfetta sabiex jitħejjew strateġiji li jiżguraw li l-ebda żona jew ċittadin jitħalla jibqa’ lura fit-tranżizzjoni ġusta għal Unjoni Ewropea prosperuża, sostenibbli u newtrali għall-klima.”

“Issa li l-UE approvat pakkett kuraġġuż għall-irkupru, meta jiġu allokati l-fondi jridu jitqiesu d-distakki bejn it-territorji tal-UE,” iddikjara **Stefano Palmieri**, membru tal-KESE u President tas-Sezzjoni għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali tal-KESE.

Deša Srsen, mill-uffiċċju tal-Viċi President tal-Kummissjoni Dubravka Šuica, enfasizzat: “L-ambizzjoni tagħna hija li nagħtu impetu liż-żoni rurali permezz tal-[Viżjoni Rurali fit-Tul](#), li l-Kummissjoni qed tipprepara u li għandha tiġi adottata f’Ġunju.”

Josep Puxeu Rocamora, relatur għall-Opinjoni tal-KESE dwar [Approċċ integrat għar-reġjuni vulnerabbli tal-UE](#), enfasizza li l-integrazzjoni taż-żoni rurali u vulnerabbli kienet kumplessa ħafna, peress li tolqot kull politika eżistenti tal-UE. “Biex niżviluppaw dawn iż-żoni, nipproponu ‘kuntratt territorjali’ li għandu jkun parteċipattiv, adattat għall-karatteristiċi tat-territorji u jippreserva l-wirt storiku, kulturali u naturali tagħhom.” (mr)



[Wasal i? - mien li l-Unjoni ta' Ugwaljanza ssir realtà](#)

L-Istati Membri jridu jiggarrantixxu ġbir preċiż tad-data u politiki xierqa biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tal-pjan ta' azzjoni tal-UE kontra r-razziżmu u biex jinkixfu r-razziżmu u d-diskriminazzjoni etnika, li marru għall-agħar matul il-pandemija tal-COVID-19 fl-Ewropa.

Minħabba li kwart tal-Ewropej iħossuhom diskriminati f'mill-inqas qasam wieħed f'ħajjithom u bid-diskriminazzjoni razzjali u etnika tilħaq livelli li qatt ma ntlaħqu qabel fl-impjeg, hemm sens ta' urġenza dwar l-isforzi li tiġi aġġornata u msaħħa l-leġiżlazzjoni biex jiġi miġġieled ir-razziżmu fl-UE. Dan kien il-messaġġ li ħareġ mis-seduta virtwali li ġiet organizzata fit-18 ta' Marzu mill-KESE.

Is-seduta “Unjoni ta' Ugwaljanza: Pjan ta' azzjoni tal-UE għall-ġlieda kontra r-razziżmu 2020-2025” laqqgħet flimkien kelliema mill-istituzzjonijiet tal-UE u minn pjattaformi Ewropej għall-ġlieda kontra r-razziżmu u għad-difiża tad-drittijiet tal-bniedem. Iċ-ċifri ppreżentati wrew stampa xejn sabiħa tas-sitwazzjoni fil-livell lokali.

Ir-relatur tal-Opinjoni tal-KESE dwar dan is-suġġett, **Cristian Pîrvulescu**, enfasizza kemm huwa f'waqtu l-pjan ta' azzjoni tal-UE kontra r-razziżmu, li ġie fil-fatt ippreżentat f'mument fejn l-inugwaljanzi u d-

diskriminazzjoni ġew approfonditi iktar minħabba l-pandemija.

Min-naħa tal-Kummissjoni Ewropea, Thibault Balthazar enfasizza r-rwol importanti tal-Istati Membri, u ħeġġiġhom jadottaw il-Pjani Nazzjonali ta' Azzjoni, waqt li jinvolvu lis-soċjetà ċivili u l-korpi kompetenti fil-qasam tal-ugwaljanza. **Aleksandra Wesoly** ppreżentat strumenti tal-UE bħan-Network ta' Sensibilizzazzjoni dwar ir-Radikalizzazzjoni u pjattaformi oħra li jgħinu fil-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni u n-narrattivi estremisti. **Maria Daniella Marouda** qalet li studju mwettaq mill-ECRI (Kummissjoni Ewropea kontra r-Razziżmu u l-Intolleranza) enfasizza l-progress li sar fil-qasam tal-leġiżlazzjoni kontra d-diskriminazzjoni.

Joanna Goodey mill-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali enfasizzat li filwaqt li teżisti l-leġiżlazzjoni, hemm nuqqas ta' data, u kien hemm bżonn li tinġabar data b'saħħitha u regolari sabiex il-pjan ta' azzjoni jirnexxi.

Ir-relatur għall-Opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni dwar Il-pjan ta' azzjoni tal-UE kontra r-raziżmu, **Yoomi Renström**, enfasizza li l-awtoritajiet lokali u reġjonali kellhom bżonn jiġu rikonoxxuti bħala msieħba strateġiċi fit-tfassil, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-pjani nazzjonali ta' azzjoni.

Csaba Asztalos, President tal-Kunsill Rumen għall-Ġlieda kontra d-Diskriminazzjoni, enfasizza l-importanza ta' bażijiet ta' data aċċessibbli u strateġiji ċari ta' komunikazzjoni, filwaqt li **Marie Mescam**, minn SOS Racisme, enfasizzat il-bżonn urġenti li jinħoloq spazju għad-djalogu fl-UE, fejn is-soċjetà ċivili, il-korpi għall-ugwaljanza u l-organizzazzjonijiet kontra r-raziżmu jistgħu jiskambjaw l-esperjenzi u jaqsmu l-għarfien tagħhom.

Juliana Wahlgren, uffiċjal responsabbli mill-kampanji ta' sensibilizzazzjoni min-Network Ewropew kontra r-Razziżmu, **esprimiet it-tama li jekk jiġu involuti persuni li ġejjin minn minoranzi etniċi jew razzjali**, b'għarfien espert ewlieni mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, dawn jistgħu jaqdu rwol sinfkanti fl-implimentazzjoni effettiva tal-pjan ta' azzjoni. (mt)



Il-Balkani tal-Punent – Il-“bi??a nieqsa” biex ng? aqqu l-istampa Ewropea kompluta


Fis-sessjoni plenarja tiegħu ta’ Marzu, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ospita dibattitu ma’ Olivér Várhelyi, Kummissarju għall-Viċinat u t-Tkabbir, biex jiddiskuti s-sitwazzjoni attwali tal-adeżjoni tal-imsieħba tal-Balkani tal-Punent. Il-membri tal-KESE esprimew il-konvinzjoni li l-integrazzjoni tal-imsieħba tal-Balkani tal-Punent fl-UE hija investiment ġeostrateġiku fil-paċi u t-tkabbir ekonomiku.

Il-President tal-KESE, **Christa Schweng**, fetthet id-dibattitu billi saħqet li l-KESE jagħti importanza kbira lill-Balkani tal-Punent: *“Il-Kumitat tagħna huwa tal-fehma li l-Balkani tal-Punent huma l-biċċa nieqsa li neħtieġu biex ngħaqqdu l-istampa kompluta fl-ambizzjoni tal-Unjoni Ewropea li toħloq Ewropa magħquda u sostenibbli, Ewropa adattata għall-futur,”* qalet.

Óliver Várhelyi semma l-impatt li l-pandemija tal-COVID-19 kellha fuq il-Balkani tal-Punent u enfasizza li *“l-Kummissjoni Ewropea kienet determinata li tkompli tappoġġja l-eqreb ġirien tagħna bil-mezzi kollha possibbli f’dawn iż-żminijiet diffiċli”*. Is-Sur Várhelyi ppreżenta wkoll il-[Pjan Ekonomiku u ta’ Investiment għall-Balkani tal-Punent](#) tal-Kummissjoni, inizjattiva ta’ EUR 9 biljun bil-għan doppju li tingħata spinta lill-irkupru ekonomiku u li tittejjeb il-konverġenza tar-reġjun mal-Unjoni Ewropea. *“L-ambizzjoni tal-pjan hija li tingħata spinta mhux biss lill-iżvilupp ekonomiku, lir-reżiljenza u lill-kompetittività tar-reġjun, iżda wkoll lill-koeżjoni soċjali tiegħu. Jeħtieġ li naħdemu flimkien biex niksbu dan,”* saħaq is-Sur Várhelyi.

Id-dibattitu kien segwit mill-adozzjoni ta’ Opinjoni dwar [It-titjib tal-proċess tal-adeżjoni](#) – *Perspettiva kredibbli tal-UE għall-Balkani tal-Punent*. Ir-relatur tal-Opinjoni, **Andrej Zorko**, xeħet dawl fuq l-importanza tal-proċess tat-tkabbir: *“L-integrazzjoni tal-imsieħba tal-Balkani tal-Punent fi ħdan l-UE tirrappreżenta investiment ġeostrateġiku fil-paċi, l-istabbiltà, is-sigurtà u t-tkabbir ekonomiku fil-kontinent kollu,”* huwa qal. (dfg)

Skopri dak li l-KESE jista' jag?mel g?alik – EDIZZJONI ?DIDA



L-edizzjoni l-ġdida ta' din il-pubblikazzjoni tipprovdi preżentazzjoni konċiża u aġġornata tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew bħala forum uniku għall-konsultazzjoni, id-djalogu u l-bini ta' kunsens bejn rappreżentanti mis-setturi differenti kollha tas-soċjetà ċivili organizzata, li jinkludu l-impjegaturi, it-trade unions u gruppi bħall-assoċjazzjonijiet professjonali u tal-komunità, organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh, gruppi tan-nisa, konsumaturi, dawk li jmexxu kampanji ambjentali, u ħafna oħrajn.

Il-fuljett jistabbilixxi wkoll ir-rwol u l-missjonijiet tal-KESE, jispjega kif jiffunzjona u jinteraġixxi mal-istituzzjonijiet leġiżlattivi tal-UE u juri uħud mill-istejjer ta' suċċess tiegħu.

Huwa disponibbli fi 23 lingwa uffiċjali tal-UE fuq is-sit web tal-KESE <https://www.eesc.europa.eu/en/our-work/publications-other-work/publications/discover-what-eesc-can-do-you-2021-edition>

Kopji stampati jistgħu jintalbu mingħand l-Unità taż-Żjajjar u l-Pubblikazzjonijiet: vipcese@eesc.europa.eu (af)



Sa?iet, ?abib!

David Gippini Fournier jitlaq mill-Unità tal-Istampa tal-KESE fl-1 ta' Mejju 2021. Għażiż David, il-kollegi tiegħek fl-Unità tal-Istampa jirringrazzjawk għall-pjaċir li kellhom jaħdmu miegħek, għall-klassi li biha inti wettaqt il-kompiti tiegħek, għall-ġenerożità li urejt fir-relazzjonijiet personali u professjonali tiegħek u għas-sens ta' diplomazija tiegħek. Inti kont twettaq ir-relazzjonijiet pubbliċi tiegħek b'eleganza denja ta' Humphrey Bogart.

Kemm-il darba urejtna l-kapaċità kbira tiegħek li tindirizza l-istress f'dawk il-mumentu ta' tensjoni estrema!

Kien pjaċir tagħna u ferħ għalina naħdmu miegħek.

Nawgurawlek!

Il-kollegi tiegħek tal-Unità tal-Istampa: Agata, Katerina, Ewa, Laura, Nicola, Millie, Daniela, Melissa, Margarida u Marco.



Isabel Caño Aguilar, eks Vi?i President g?all-komunikazzjoni (2018-2020): “Uffi?jal tal-istampa b’daqsxejn ta’ ironija Galizjana”

Qattajt ħafna ħin tax-xogħol ma' David Gippini u b'mod partikolari ħejjejt miegħu għadd ta' intervisti għall-istampa. Meta l-tqajt miegħu fl-2018, ħadt l-impressjoni li huwa persuna serja. Il-kontributi tiegħu dejjem kienu adattati u m'hejjija tajjeb ħafna. Kellu ħeffa fil-mod kif kien jirraġuna. Lil hinn mix-xogħol, skoprejt li huwa bniedem miftuħ, ġeneruż bil-ħin tiegħu, b'daqsxejn ta' ironija Galizjana, u naħseb li konna niftiehm u tajjeb ħafna. Kellna wkoll xi nuqqas ta' qbil żgħir bejnietna, dejjem b'mod amikevoli; jien attivista tal-lingwa inklużiva, David huwa aktar akkademiku u ma kienx jieħu pjaċir li jittieħdu ċerti libertajiet bil-lingwa. Ta' spiss tkellimna dwar dan, taħdidiet twali li ma kienu jtemmu qatt, konverżazzjonijiet rikki u impenjattivi. Imma rrid nringrazzjah tal-impenn rigoruż u tas-sbuħija li ġab f'ħafna mit-testi tiegħi.

Jiddispaċini li se jkollu jitlaq, u nawguralu kull suċċess f'din il-fażi l-ġdida. M'għandix dubju li l-Unità tal-Istampa se tħoss in-nuqqas tiegħu . Se

nħoss dan-nuqqas jien ukoll.

A?BARIJET MILL-GRUPPI



Irkupru ekonomiku sostenibbli huwa l-uniku mod biex insa? u l-Ewropa So?jali tag?na

Mill-Grupp ta' Min l-ħaddem tal-KESE

Bi tnejn għas-Summit Soċjali f'Porto x-xahar id-dieħel, membri tal-Grupp ta' Min l-ħaddem iltaqgħu ma' Nicolas Schmit, Kummissarju għall-Impjegi u d-Drittijiet Soċjali Matul dibattitu sinċier u miftuħ, il-president tal-Grupp ta' Min l-ħaddem, is-Sur Mallia, enfażizza l-ħtieġa għal irkupru ekonomiku rapidu, li huwa possibbli biss jekk niżguraw li l-kumpaniji tagħna jkollhom l-ambjent tan-negozju t-tajeb biex ikunu kompetittivi, joħolqu l-impjegi u b'hekk jigarantixxu l-benessri għas-soċjetajiet tagħna.

Fl-eqel tal-agħar reċessjoni ekonomika sa mit-Tieni Gwerra Dinjija, irkupru ekonomiku tajeb huwa kemm prerekwiżit għall-progress soċjali kif ukoll mod biex jiffaċilitah.

Dan ifisser li l-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u s-Summit Soċjali f'Porto m'għandhomx jindirizzaw biss il-politika soċjali, imma anke l-irkupru ekonomiku u l-kompetittività.

Għalhekk, il-promozzjoni tal-ħolqien ta' impjegi u l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol ma jistgħux jinvolvu leġislazzjoni ġdida jew obbligi oħrajn li jżidu l-piż fuq il-kumpaniji. Dan l-approċċ ma ħadimx fil-passat u żgur li mhux se jkun effettiv f'din il-kriżi ekonomika drammatika.


Minflok, jeħtieġ niffokaw biex noħolqu swieq tax-xogħol fejn il-flessibbiltà u l-ħila tan-negozji biex jadattaw għat-tibdil ikunu akkumpanjati minn sigurtà adatta għall-ħaddiema.

Settur li jiffjorixxi tal-industrija u tas-servizzi, flimkien mal-intraprenditorija jibqgħu kruċjali għall-prosperità u l-benessri futuri tal-Ewropa. Neħtieġu forza tax-xogħol b'ħiliet u innovattiva biex nibdew it-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi. Li niżguraw bażi kompetittiva għall-investimenti huwa fundamentali biex inżommu l-mudell soċjali tagħna.

Il-leġislazzjoni tal-UE għandha tkun limitata għal kwistjonijiet li jkunu tabilħaqq ta' natura transfruntiera. Meta l-UE tilleġiżla, l-inizjattivi l-ġodda kollha fil-livell tal-UE għandhom ikunu bbażati aħjar fuq l-evidenza u vvalutati dwar kif jikkontribwixxu għall-kompetittività. Verifika ġdida u mmirata tal-kompetittività fir-rigward tal-inizjattivi ġodda kollha tkun ta' għajnuna biex jintlaħaq dan l-għan.

Il-Grupp ta' Min Iħaddem iltaqa' mal-Kummissarju **Schmit** fil-15 ta' April. Fid-diskussjoni ssemwew għadd ta' kwistjonijiet soċjali, bħall-pjan ta' azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, is-Summit ta' Porto, il-Proposta tal-Kummissjoni dwar pagi minimi adegwati, u d-djalogu soċjali u n-negożjar kollettiv.

Id-diskors sħiħ tal-president tal-Grupp ta' Min Iħaddem, is-Sur **Mallia** mal-Kummissarju **Schmit** jinsab fil-link: <https://www.eesc.europa.eu/en/news-media/news/speech-president-mallia-eesc-employers-group-meeting-commissioner-schmit> (dv/kr)



[Pagi minimi adegwati huma komponent ewlieni tal-koeżjoni soċjali](#)

Mill-Grupp tal-Ħaddiema tal-KESE

Pagi minimi adegwati huma komponent ewlieni tal-koeżjoni soċjali u tal-ġlieda kontra l-faqar u l-inugwaljanza fost dawk li jaħdmu. Madankollu, ħafna fl-Ewropa jaħdmu taħt kundizzjonijiet ħorox ħafna, b'mod partikolari ħaddiema prekarji. U filwaqt li f'xi pajjiżi n-negożjar kollettiv huwa b'saħħtu biżżejjed biex jiżgura kundizzjonijiet tax-xogħol tajbin, dan mhux il-każ kullimkien.

L-assenza ta' protezzjoni soċjali ġgħib magħha konsegwenzi gravi, partikolarment meta jiżdiedu problemi oħrajn, kif inhu l-każ bħalissa bil-kriżi tas-saħħa u soċjali brutali li ġabet magħha l-pandemija tal-COVID-19.

F'dan il-kuntest, il-[proposta tal-Kummissjoni Ewropea għal direttiva dwar pagi minimi adegwati fl-Unjoni Ewropea](#) għandha l-għan li tiżgura li ħadd fl-Ewropa ma jaħdem mingħajr paga deċenti li tiggarantixxi l-għajxien, u li n-negożjar kollettiv jissaħħaħ u jiġi estiż, filwaqt li jiġu rispettati t-tradizzjonijiet differenti tal-Istati Membri f'dak li jirrigwarda d-djalogu soċjali. Permezz ta' pjani ta' azzjoni nazzjonali, maqbula fi proċess tripartitiku mal-imsieħba soċjali, konverġenza 'l fuq tal-pagi tista' tintlaħaq filwaqt li tiġi miġġielda kull tip ta' diskriminazzjoni fir-rigward ta' pagi, kif ukoll il-faqar fost dawk li jaħdmu.

Fid-dawl tal-urġenza tal-proposta, b'mod partikolari minħabba d-diffikultajiet ikkawżati mill-COVID-19, ir-relatur **Cinzia del Rio** kkomentat: "Il-ħaddiema kollha għandhom jirċievu paga minima ġusta u adegwata, jew stabbilita bil-liġi jew b'negożjar kollettiv, biex jippermettu ħajja deċenti u aċċess għall-protezzjoni soċjali. Id-dumping soċjali u tal-pagi, inugwaljanzi profondi fejn jidħlu pagi, żieda fil-faqar fost dawk li jaħdmu, li jaffettwa l-iżjed liż-żgħażaġħ, in-nisa u gruppi żvantaġġati, iridu jiġu indirizzati b'impenn Ewropew qawwi".

L-[Opinjoni tal-KESE dwar id-direttiva proposta](#), adottata fil-25 ta' Marzu 2021 mill-plenarja tal-KESE, tirrikonoxxi l-urġenza u l-ħtieġa għal tali sett ta' miżuri, l-adeqwatezza ta' direttiva u r-raġunijiet legali warajha (appoġġjat ukoll mill-[valutazzjoni legali tal-Kunsill tal-UE](#)), u l-klawżoli li jiżguraw ir-rispett għall-awtonomija tal-imsieħba soċjali. (prp)



L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jridu jkunu l-ixpruni tal-bidla fis-soċjetajiet u l-ekonomiji ta' wara l-COVID-19

Mill-Grupp Diversità Ewropa tal-KESE

F'konferenza reċenti tal-Grupp Diversità Ewropa, ir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili ħeġġew lill-organizzazzjonijiet tagħhom biex jgħidu lill-politiċi x'tip ta' soċjetà jixtiequ joħolqu u jgħixu fiha.

Parteċipanti fil-konferenza dwar [l-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili matul u wara l-COVID-19: liema sfidi u liema futur?](#) argumentaw li **l-koeżjoni tal-politiki u l-involviment sinifikanti taċ-ċittadini huma kruċjali**. Dawn appellaw għal approċċ olistiku u integrat għat-tfassil tal-politika li jipromovi b'mod attiv il-valuri tal-UE, il-benesseri tal-poplu tagħha u l-inizjattivi minn isfel għal fuq li jirrispettaw l-opinjoni u d-drittijiet taċ-ċittadini tal-UE. Għal dan il-għan, se jkun kruċjali li jittieħed vantaġġ mill-forom ġodda ta' solidarjetà u attiviżmu soċjali li tfaċċaw matul il-pandemija.

Séamus Boland, il-president tal-Grupp Diversità Ewropa, enfasizza l-involviment eċċellenti tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (OSĊ) u heġġgħom biex, flimkien maċ-ċittadini, jinvolvu ruħhom b'mod attiv fir-rikostruzzjoni u l-irkupru tal-komunitajiet u s-soċjetajiet wara l-COVID-19.

“Issa huwa **ż-żmien opportun biex nikkunsidraw mill-ġdid il-mudelli** ta' tkabbir u governanza tagħna u nibbilanċjaw il-prosperità ekonomika mal-inklużjoni soċjali, il-kapital uman, is-sostenibbiltà u l-benesseri,” qal is-**Sur Boland**, li stabbilixxa wkoll żewġ kundizzjonijiet għal bidla reali: “Approċċ olistiku u integrat għat-tfassil tal-politika u l-involviment tas-soċjetà ċivili fit-tfassil u t-twettiq tad-dinja l-ġdida.”

Il-President tal-Grupp ħeġġeġ lill-UE u lill-awtoritajiet nazzjonali biex jaħdmu mal-OSĊ bħala msieħba u enfasizza li s-soċjetà ċivili u l-awtoritajiet pubbliċi għandhom ikomplu jiddefendu l-governanza demokratika, id-drittijiet fundamentali u l-istat tad-dritt.

Aqra l-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet kollha tal-konferenza [hawnhekk](#). (jk)

SOON IN THE EESC/CULTURAL EVENTS

Jum l-Ewropa 2021



Il-KESE tradizzjonalment jiċċelebra Jum l-Ewropa billi jiftaħ il-bibien tiegħu għall-pubbliku. Din is-sena, minħabba l-kriżi tal-COVID-19, iċ-ċittadini mill-Ewropa u d-dinja kollha huma mistiedna jiskopru Dar is-Soċjeta` Ċivili b'mod sikur u virtwali.

Jum l-Ewropa fid-9 ta' Mejju jfakkar id-data tad-Dikjarazzjoni Schuman, li kienet il-punt tat-tluq għall-Unjoni Ewropea tal-lum. Huwa opportunità biex nirriflettu fuq dak kollu li bniet is-solidarjeta` u dak li nittamaw li niksbu fil-futur.

Huwa wkoll opportunità biex iċ-ċittadini tal-UE jħossuhom saħansitra aktar b'saħħithom li huma parti minn xi ħaġa akbar, kif espress fis-slogan ta' Jum l-Ewropa, kondiviż mill-istituzzjonijiet Ewropej kollha, "Aktor

b'saħħitna FLIMKIEN".

Kun parti minn Jum l-Ewropa u ...

- **Skopri x'jagħmel għalik il-KESE** permezz ta' ?jara virtwali 3D ta' 360 grad tal-KESE: skopri min a?na u x'nag? mlu, u tg?allem dwar il-valur mi?jud tal-KESE u l-membri tieġ?u.
- **Skopri x'jagħmlu l-membri tal-KESE f'pajjiżhom** permezz ta' stejjer mill-organizzazzjonijiet tal-membri tag?na fuq il-post, u ara x'qed jag?mlu l-membri tal-KESE fi?-?oni lokali tag?hom biex jg?inu lill-UE tirkupra mill-kri?i.
- **Żur ir-Rokna Kulturali tagħna** u skopri d-diversi wirjiet virtwali tal-KESE b'mod interattiv u interessanti.
- **Ħu sehem fil-ħafna attivitajiet tagħna f'xandira diretta:** Jum l-Ewropa huwa l-ewwel u qabel kolloxx ? elebrazzjoni tal-pa?i u l-g?aqda fl-Ewropa, g?alhekk log?ob u attivitajiet divertenti se jsiru online, inklu?i ?jarat virtwali tal-KESE, webinar dirett mal-membri tal-KESE, kabina tar-ritratt di?itali, u kompetizzjoni fotografika.

Żomm ruħek aġġornat!

[Jum l-Ewropa 2021 | Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew \(europa.eu\)](#) (cl)

Editor

Ewa Haczyk-Plumley (editor-in-chief)
Daniela Marangoni (dm)

Il-kontributori g?al din l-edizzjoni huma

Amalia Tsoumani (at)
Aude François (af)
Chloé Lahousse (cl)
Daniela Marangoni (dm)
Daniela Vincenti (dv)
Ewa Haczyk-Plumley (ehp)
Jasmin Kloetzing (jk)
Katerina Serifi (ks)

Katharina Radler (kr)
Laura Lui (ll)
Marco Pezzani (mp)
Nicola Accardo (na)
Pablo Ribera Paya (prp)
Stefano Martinelli (sm)

Koordinazzjoni globali

Agata Berdys (ab)
Katerina Serifi (ks)

Technical support
Bernhard Knoblach (bk)

Indirizz

Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Bini Jacques Delors, 99 Rue Belliard, B-1040
Brussell, il-Belġju
Tel. (+32 2) 546.93.96 jew 546.95.86
Indirizz elettroniku: eescinfo@eesc.europa.eu

KESE info huwa ppubblikat disa' darbiet fis-sena matul is-sessjonijiet plenarji tal-KESE. KESE info huwa disponibbli fi 23 lingwa. Il-KESE Info ma tistax titqies b'ala r-rapport uffizjali tal-?idmiet tal-KESE; g'al dawn, jekk jog??bok irreferi g'all-?urnal Uffi?jali tal-Unjoni Ewropea jew g'al pubblikazzjonijiet o?rajn tal-Kumitat. Ir-riproduzzjoni hija permessa jekk il-KESE Info jissemma b'ala s-sors u tintbag?at link lill-EDITOR.

05/2021